**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. RACHEL MONTEBELLO LL.D.**

**Illum 24 ta' Gunju, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Wayne Camilleri)**

**vs**

**Clifford Garrett**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Clifford Garrett detentur ta' karta tal-identita bin-numru 219189M;

Akkuzat talli nhar l-10 ta' Gunju, 2019, ghal habta tad-21:30 ta' filghaxija, gewwa Triq il- Kbira San Guzepp, il-Hamrun u nhawi ohra gewwa l-lokalita' tal-Hamrun:

1. Ikkommetta serq ta vettura ta' l-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni DCG218, liema serq huwa aggravat bil- mezz, bil-valur, bil- hin u bix-xorta tal-haga misruqa;

Akkuzat talli nhar l-10 ta' Gunju, 2019, ghal habta tad-22:00 ta' filghaxija, gewwa Triq it- telgha tal- Kurcifiss, il-Furjana u nhawi ohra gewwa l-lokalita' tal-Furjana, waqt li kien qieghed isuq l- vettura Toyota bi pjanci DCG218:

2. Bil-hsieb li jikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe' feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PC1406, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt billi volontarjament saq vettura tat-tip ghamla Toyota bin-numri ta' registrazzjoni DCG218 fid- direzzjoni ta PC1406, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel offiza ta' natura hafifa fuq il- persuna ta' PC1406 skond kif iccertifikat Dr. Gary Magri Gatt M.D. (Reg. No. 4143) mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija waqt li kienu qeghdin jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom;
5. U aktar talli fl-istess data, lok, matul il-hin indikat u cirkostanzi volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe' ghamilt hsara fuq il- vettura tal-ghamla Toyota bin-numri ta' registrazzjoni DCG218 , liema

hsarat ma jeccedux is- somma ta’ €250 ghad-dannu ta Tellyon Grech u/jew xi persuni ohra;

6. U aktar talli fl-istess data, lok, matul il-hin indikat, u cirkostanzi saq vettura bil-mutur tal-ghamla Toyota bin-numri ta’ registrazzjoni DCG218, i b’mod perikoluz u bla kont.
7. U aktar talli saq l- imsemmija vettura waqt li kellu il- licenzja tas-sewqan sospiza u meta kien hekk skwalifikat milli jsuq il- vettura b’ sentenza mill- Qorti tal- Magistrati, Mag Dr. S. Demicoli LL.D, datata nhar it- 24/06/2015.
8. U aktar talli fl-istess data, lok, matul il-hin indikat, u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b’ghajjat u storbju.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li kien misjub hati ta’ diversi sentenzi moghtija lilu mill- Qorti ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Il-Qorti giet ulterjorment mitluba illi f’kaz ta’ sejbien ta’ htija tordna lil hati sabiex jhallas l-ispejjez kolla relatati mal-hatra tal-periti hekk kif kontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fl-ahharnett, il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ PC1406 u PC497, jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuni msemmija u l-familja taghhom minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 u f’kaz ta’ htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ l-persuni offizi

u l-familja taghhom ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fit-22 ta' Gunju 2019, l-Ufficjal Prosekutur qara l-akkuzi u konfermahom bil-gurament u sar l-ezami tal-imputat li wiegeb li huwa hati;

Rat illi l-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu 9, meta wissiet lil-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-ammissjoni tal-htija tieghu anke wara illi nghata zmien biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li l-Qorti spjegatlu l-piena erogabbli ghall-akkuzi li jinsab mixli bihom u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Madanakollu, il-Qorti thoss li ghandha tissenjala illi ma tistax issib lill-imputat hati tar-reat lilu addebitat fis-seba' imputazzjoni cioe` illi saq il-vettura DCG-218 waqt li kellu l-licenzja tas-sewqan sospiza ghaliex kien skwalifikat milli jsuq b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 24 ta' Gunju 2015. Is-sentenza msemmija ma giex esebita mill-Prosekuzzjoni izda l-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat debitament esebita fl-atti, u tosserva illi ghalkemm bis-sentenza msemmija l-imputat gie skwalifikat milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal zmien sena, huwa evidenti illi dan it-terminu skada irrimedjabbilment. Konsegwentement, nonostante l-ammissjoni bla rizerva tal-imputat, il-Qorti ma tistax issib htija ghal reat li diga` minn daqqa t'ghajn lejn l-atti, ma jirrizultax li twettaq u kwindi qieghda tillibera lill-imputat minn kull htija ghar-reat addebitat fis-seba' imputazzjoni.

Ghall-bqija u ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti kkunsidrat diversi fatturi. Ghalkemm huwa minnu illi l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u kkoopera mal-Pulizija, jirrizulta mill-atti illi r-reati lilu addebitati gew kommessi minnu fl-10 ta' Gunju 2019 u kellhom jghaddu iktar minn ghaxart ijiem sakemm huwa gie identifikat bhala s-suspettat fis-serqa tal-vettura DCG-218.

Jirrizulta wkoll mill-atti, anke kif gie sottomess waqt it-trattazzjoni, illi l-imputat jinsab mahkum mill-uzu tad-droga sintetika u evidentement

inqabad fil-*vicious circle* klassiku ta' min issokkomba ghall-vizzju tad-droga, cioe` li wara li jonfoq kull ma jkollu biex isostni l-vizzju tieghu u jispicca minghajr mezzi, jisraq minghand haddiehor biex ikompli jsostni l-vizzju tieghu jew sahanistra biex jghajjex lilu nnifsu. Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat li evidentement mhuwiex novizz fid-delinkwenza ghaliex jirrizulta li diversi drabi nstab hati ta' reati fosthom ta' serq u ksur tar-regolamenti tat-traffiku, proprju kif jerga' jinsab mixli llum. Tosserva wkoll illi matul is-snin, l-imputat inghata diversi opportunitajiet mill-Qorti biex jirriforma ruhu izda ghalkemm inghata sanzjonijiet komunitarji u tqieghed taht Ordni ta' Probation ripetutament, huwa manifest illi l-imputat ma fehemx l-import taghhom u minflok ra kif ghamel biex jaqbad it-triq tar-rijabilitazzjoni, kompla jghix hajja ta' kriminalita`. Tant hu hekk illi mill-istess fedina penali jirrizulta illi inqas minn sentejn ilu l-imputat gie kkundannat ghal sentejn prigunerija talli naqas milli joqghod ghall-htigijiet ta' Ordni ta' Probation u naqas milli jiehu l-kura mehtiega minhabba l-vizzju tad-droga. Ghalkemm huwa minnu illi din is-sentenza giet appellata u jidher li l-kaz ghadu pendenti, huwa evidenti li l-imputat ma gharafx jibbenefika mill-opportunita` li nghatatlu biex jirriforma ruhu u baqa' mahkum mill-vizzju tad-droga tant illi spicca mixli bl-akkuzi odjerni proprju minhabba dan l-istess vizzju.

Minn dan kollu l-Qorti m'hijiex konvinta illi l-imputat huwa kandidat eligibbli ghal sanzjoni fil-komunita` u hija tal-fehma li ghandha tinfliggi piena izda fl-istess waqt, tqis li l-imputat ghandu jinghata t-trattament mehtieg ghall-kura tal-problema tad-droga sabiex jista' jeghleb dan il-vizzju darba ghal dejjem.

Ghall-fini tal-kalibrazzjoni tal-piena, il-Qorti qieset illi l-piena ghar-reat ta' serq aggravat kif addebitat fl-ewwel imputazzjoni, hija ta' prigunerija ghal terminu li ma jistax ikun inqas minn wiehed u ghoxrin (21) xahar u mhux iktar minn erba' snin u dan skont il-provvedimenti tal-Artikolu 278(3) tal-Kapitolu 9. B'zieda ma' dan, minhabba u b'applikazzjoni ta' dak provdut mill-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9, il-Qorti trid tiehu qies tal-piena erogabbli ghad-delitti addebitati lill-imputat: fit-tieni imputazzjoni, cioe` it-tentattiv ta' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PC1046; u fil-hames imputazzjoni fejn gie addebitat id-delitt ta' hsara volontarja, li ma teccedix is-somma ta' €250, ikkagunata fuq il-vettura DCG-218, liema delitti l-imputat ukoll qed jinstab hati taghhom b'ammissjoni tieghu stess.

Kwantu ghar-reat tal-hsara volontarja il-Qorti ma tqisx illi dan ir-reat serva bhala mezz sabiex titwettaq is-serqa tal-vettura DCG-218 ghaliex mill-atti jirrizulta illi l-vettura nsterqet mill-imputat meta din kienet miftuha u bil-magna startjata. Isegwi ghalhekk illi l-hsarat ikkagunati konsistenti *inter alia*, fin-nuqqas tal-hub caps u f'daqqa u girfa fuq il-mudguard u l-bumper[1] ma setghux gew ikkagunati sabiex titwettaq is-serqa. Ghaldaqstant, billi d-dispozizzjonijiet tas-subinciz (h) tal-Artikolu 17 tal-Kap.9 ma jsibux riskontru f'dan il-kaz, il-piena ghal dan id-delitt m'hijiex ser tkun assorbita fil-piena tar-reat l-iktar gravi.

Kwantu ghar-reat addebitat lill-imputat fit-tielet imputazzjoni, cioe` li kkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC1046, il-Qorti wara li

[1] Ara Dok. WC7.

rat ic-certifikat mediku esebit fl-atti[2] li jiddeskrivi l-offiza fuq Kurt John Rizzo bhala tbengila fuq idu leminija, tqis illi ghandhom isibu riskontru d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 221(3) tal-Kap. 9 bil-piena tkun tal-kontravvenzjonijiet.

L-imputat ammetta wkoll ghall-addebitu tar-recidiva u l-Qorti wara li rat l-atti tqis illi l-imputat huwa recidiv kemm ai termini tal-Artikolu 49 u l-Artikolu 50, izda mhux ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kodici Kriminali. Billi mill-fedina penali tal-imputat jirrizulta illi l-multi imposti fuq l-imputat thallsu inqas minn hames snin ilu jirrizulta illi ma ghaddewx hames snin minn meta l-pieni relevanti gew skontati. Ghaldaqstant, il-Qorti hija prekluza milli tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 28A u dan minhabba dak dispost mis-subinciz (b) tal-Artioklu 28A(7).

Il-Qorti hija tal-fehma illi r-reati li taghhom qed jinsab hati l-imputat, huma reati gravi li jimmeritaw piena ta' prigunerija. Il-vizzju tad-droga m'huwiex u ma jistax iservi bhala skuzanti sabiex ma tinghatax piena bl-applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, meta huwa evidenti illi dawn is-sanzjonijiet mhux qed ikunu effettivi. Ghalkemm huwa minnu li l-imputat ghandu bzonn ghajnuna, u jidher li jaghraf il-htiega li jinghata l-kura[3], l-azzjonijiet kriminali ripetuti tal-imputat u l-gravita` taghhom fil-kaz partikolari tal-lum, ma jimmeritawx iktar l-ghoti ta' sanzjoni fil-komunita`, izda jimmeritaw konsegwenzi serji kommensurati mal-gravita` tar-reati li taghhom qed jinsab hati fuq ammissjoni tieghu stess. Maghdud dan, sabiex tista' tigi assigurata r-

[2] Dok. WC2

[3] Ara stqarrija tal-imputat – Dok. WC4

rijabilitazzjoni tal-imputat, il-Qorti tqis li ghandha tordna wkoll il-hrug ta' Ordni ta' Trattament kontestwalment ma' din is-sentenza.

Dan kollu jfisser illi l-piena kalibrata kif fuq premess kif ukoll bl-applikazzjoni tal-principju tal-konkorrenza materjali tar-reati skont is-subinciz (b) tal-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9, hija ta' prigunerija ghal tmienja u ghoxrin xahar.

Kwantu ghar-reati taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti kif diga` nghad, ma tistax, fuq l-atti li ghandha quddiemha, issib htija ghar-reat oggett tas-seba' imputazzjoni izda tista' ssib htija biss ghar-reat ta' sewqan tal-vettura DCG-218 b'mod perikoluz u bla kont.

<u>**Decide**</u>

**Ghal dawn il-motivi filwaqt illi ma ssibux hati tas-seba' imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-Artikoli 17, 20, 31, 41(1)(a), 215, 216, 221(3), 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 278(3), 289, 325(1)(c), 338(dd) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qieghda ssib lil CLIFFORD GARRETT hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi, u tikkundannah prigunerija ghal zmien tmienja u ghoxrin (28) xahar; u wara li rat ukoll l-Artikolu 15(1) u (3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah multa ta' elf Euro (€1,000) u tiskwalifikah milli jzomm jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sentejn, liema skwalifika tibda ssehh hekk kif tigi skontata tal-piena ta' prigunerija.**

**Ghall-finijiet tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti tordna wkoll l-hrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-imputat bil-ghan illi jinheles mill-vizzju tad-droga.**

**Il-Qorti tordna illi l-Ordni ta' Trattament jigi notifikat lid-Direttur tal-Habs ghall-fini tal-implementazzjoni tieghu sabiex il-hati jinghata t-trattament mehtieg ai termini tal-istess Ordni sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga.**

**Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401 (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.**

**Dr. Rachel Montebello**

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**